# ĠRAJJIET IL-BANDA MNARJA
# Il-Ħidma tal-Banda u tal-Każin tagħha bejn is-Snin 1974 - 1986

Il-Ħames Parti

Joe Curmi

Wara l-ewwel snin ta' ħidma, issa l-Banda Mnarja bdiet tifrex aktar il-ħidma tagħha f'attivitajiet soċjali. Attivitajiet li fil-bidu tas-snin 1970ijiet kienu bdew isiru popolari fost il-popolin. Fil-kitba tal-lum ser naraw ftit mill-bosta attivitajiet u inizzjattivi li saru bejn l-1974 u l-1986, li bis-sabiħ u l-ikraħ tagħhom, il-Banda Mnarja kompliet miexja u tikber dejjem aktar.

### Il-Banda Mnarja mistiedna fix-Xewkija

Minbarra s-servizzi li kienu jsiru mill-Banda ta' kull sena bħas-sehem fil-festa tal-Imnarja, sehem f'diversi festi titulari u sehem fil-festi tal-Milied u tal-Karinval, f'April tal-1974 il-Banda Mnarja bdiet tieħu sehem fil-Purċissjoni tad-Duluri li tiġi organizzata fil-Parroċċa tax-Xewkija. Il-Banda tagħna kienet tmur iddoqq f'din l-okkażjoni filwaqt li l-Banda Prekursur tax-Xewkija kienet takkompanja l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fin-Nadur. Dan l-arranġament kien beda jsir mingħajr ma jintalab l-ebda ħlas. Dan il-ftehim dam sejjer hekk għal numru ta' snin sakemm xi membri tal-Kumitat tal-Banda Mnarja minħabba li kienu bdew jiżdiedu l-ispejjeż deherilhom li aħjar il-baned taż-żewġ naħat jibdew jitħallsu għas-servizzi tagħhom. Wara bosta diskussjonijiet dwar din il-problema ma kienx sar qbil u għalhekk wara numru ta' snin dan l-arranġament bejn dawn iż-żewġ baned kellu jiġi fit-tmiem.

### Xiri ta' *Setting* għas-Sala tal-Każin

Għall-bidu tas-sena 1974, il-Kumitat tal-Banda sar jaf li d-Dar Ċentrali tal-M.U.S.E.U.M. fil-Blata l-Bajda, kellhom xi *seats* għall-bejgħ. Il-Kumitat ta' dak iż-żmien kien ħass li dawn kienu tajbin biex jintużaw għas-sala l-ġdida li kienet qed tinbena. Malajr marret delegazzjoni biex tarahom. Kienu *seats* maħdumin bis-sengħa, komdi u ġodda fjamanti. Il-prezz mitlub kien xi ħaġa fuq tliet liri ta' dak iż-żmien kull wieħed. Inxtraw 120 minnhom biex jitpoġġew fil-gallerija tas-sala. Magħhom żmien wara kienu nħadmu oħrajn lokalment fuq l-istess stil biex dawn jitpoġġew din id-darba fis-sala biex din tkun tista` tibda tintuża għal attivitajiet li jsiru b'aktar kumdità.

### Il-Banda Mnarja fi Sqallija

F'Ġunju tal-1974, ċertu Paolo Pace, magħruf aħjar bħala x-Xejxier, kien kellem lil Mons. Martin Portelli, li dak iż-żmien kellu f'idejh it-tmexxija tal-Banda, bil-possibilità li jieħu l-Banda Mnarja sa mawra fi Sqallija. Dan Paolo Pace kien mir-Rabat imma kien joqgħod l-Italja u kien midħla sewwa tal-Italja u tat-Taljani. Sadanittant il-Mro. Anton Bonnici kien reġa' sar is-Surmast Direttur tal-Banda Mnarja u malajr bdew isiru t-tħejjijiet għal din is-safra. Saru ħafna kunċerti għal dan il-għan u s-Surmast ra x'bandisti barranin sa jkollha bżonn il-banda biex din tkun tista' ddoqq b'effiċjenza s-servizzi mitlubin minnha ġewwa Sqallija. Barra l-bandisti Għawdxin, speċjalment mill-baned tal-Belt Victoria, il-Kumitat qabbad ukoll bandisti minn Malta biex igħinu lill-Banda tagħna, li relattivament f'dan iż-żmien kienet għadha żagħżugħa.

Wasal iż-żmien tat-tluq tal-Banda lejn Sqallija u nhar it-Tlieta 13 t'Awwissu 1974 qbadna il-vapur li kellu jwassalna Sirakuża. Dan kien l-*M.V. Jylland* li kien jaħdem bejn Malta u Għawdex u kien jagħmel *trip* fil-ġimgħa għal Sqallija. Kien vapur żgħir u fi triqtna lejn Sqallija sab xi ftit maltemp hekk li ħafna bandisti u nies oħra għamlilhom id-deni. Is-Surmast Bonnici ried jagħmel kunċert fuq il-baħar iżda ħafna bandisti ma setgħux idoqqu billi kien għamlilhom id-deni l-baħar. Għalhekk dan il-ħsieb kien ġie mwarrab.

Meta wasalna Sirakuża qbadna l-*coach* u tlaqna lejn Katanja. Wara ftit waqafna biex stajna nżuru s-Santwarju tal-Madonna tad-Dmugħ. Dak iż-żmien minn dan is-santwarju kien għad hemm mibni biss is-sular ta' taħt l-art, imma diġà kien jintuża bħala knisja. Malli wasalna Katanja nqsamna f'żewġ gruppi u alloġġjawna ġo żewġ lukandi qrib xulxin.

L-ewwel servizz li kellha l-Banda Mnarja kien f'Randazzo ftit 'il bogħod minn Katanja. Morna bil-*coach*. Għaddejna minn ġo passaġġ sabiħ immens. Kull fejn tħares siġar tal-lumi u larinġ. In-nies ħadu gost ħafna l-iktar dawk li qatt ma kienu siefru. L-għada fil-għodu l-Banda għamlet marċ mat-toroq ta' Acicatena u kellna kolazzjon tajjeb f'ħanut fil-qrib. Morna sa Taormina fejn ħadna gost ħafna nduru ġo din il-belt sabiħa fil-għoli. Fil-għaxija l-banda tat kunċert ieħor f'Acicatena.

### Tfajliet Bandisti

F'din is-sena (1974) wkoll, wara ħafna pressjoni, inħasset il-ħtieġa li t-tfajliet jibdew jitħallew jidħlu jdoqqu fil-Banda. F'din is-sena kienu bdew jitħarrġu fit-tagħlim mużikali l-ewwel tfajliet. Kien pass għaqli għax matul is-snin mal-Banda Mnarja ħarġu ħafna bandisti tfajliet tajbin, tant li xi wħud minnhom kienu jmorru jdoqqu ma' baned oħra, meta ma jkunux idoqqu mal-Banda Mnarja. B'dan il-pass il-Banda Mnarja kienet minn ta' quddiem li rrikonoxxiet is-sehem aktar attiv tal-mara fis-soċjetà.

### *Song Festivals* fin-Nadur

Fin-Nadur kien ilhom isiru *Song Festivals* għal bosta snin qabel ma' nbena l-każin. Dawn kienu jsiru fis-sala tal-iskola tal-Gvern. Meta nbena l-każin dawn bdew isiru hemm. Għall-ewwel kienu jsiru fis-sala t'isfel u malli tlestiet is-sala ta' fuq, fid-29 ta' Mejju 1975 sar l-ewwel *Song Festival* hemmhekk. B'hekk fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Mnarja twieled dak li llum hu magħruf bħala n-*Nadur Song Festival*. Festival li minbarra li għadu jsir ta' kull sena, huwa wkoll avveniment fil-kalendarju kulturali li jkun tant mistenni.

### L-Ewwel President Jirriżenja

L-aħħar laqgħa tal-Kumitat li għaliha attendejt, li dak iż-żmien jiena kont president, kienet inżammet fid-9 ta' Ġunju 1975. Dik il-ħabta kont qed inħossni ftit ma niflaħx għat-taħbit u għalhekk kont iddeċidejt li aħjar inwarrab mir-responsabiltà ta' President u anke ta' membru tal-Kumitat. Skont l-istatut, il-Viċi President, jekk jaċċetta, isir f'dan il-każ il-President, u hekk ġara. F'din iċ-ċirkostanza s-Sur Anthony Camilleri kien sar it-tieni President tal-Banda Mnarja. Is-Sur Camilleri ma' tantx ħassu komdu fil-ħatra ġdida ta' President li ġiet fuqu għall-għarrieda u fl-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid li saret f'Jannar tal-1976 ma kkontestax. Jien ġejt mitlub biex nersaq għall-elezzjoni u billi issa kont inħossni tajjeb ersaqt u erġajt ġejt magħżul President mill-ġdid.

### Xiri ta' Apparat għall-wiri tal-films

Matul din is-sena (1976), il-Kumitat beda jaħseb biex iforni bl-apparat s-Sala l-Kbira li kienet inbniet fuq biex fiha jibdew jintwerew il-*films*. Għalhekk meta l-Kumitat induna illi kien hemm għall-bejgħ żewġ *projectors* f'Malta mill-ewwel beda l-kuntatti biex jara jistax jakkwistahom. Wara ħafna taħbit u ġiri lejn Malta u lura, inxtraw żewġ *projectors*, inħadmu 400 *seats*, inxtara *screen*, u nħadem separju. Dan kollu sar għas-somma ta' 2150 lira ta' dak iż-żmien. Ta' min jgħid hawnhekk illi l-każin ma kienx ikun f'pożizzjoni li jixtri dan l-apparat kieku ma kinietx il-qalb tajba tal-mibki Dun Piet Zerafa li silef 1000 lira b'imgħax baxx lill-kumitat.

### Il-Banda Mistiedna għall-festa ta' San Ġorġ

Fl-ewwel snin tal-Banda Mnarja r-relazzjonijiet mal-Banda La Stella tal-Belt Victoria ma kienu xejn tajbin. Il-Banda Mnarja lanqas kienet tista' tagħmel użu mill-bandisti tal-Banda La Stella. Għall-aħħar tas-sajf tal-1975 saret stedina mill-Banda La Stella biex il-Banda Mnarja tieħu sehem fil-festa ta' San Ġorġ li kienet ġejja, b'marċ u bi programm. Il-Kumitat tal-Banda Mnarja laqa' l-istedina unanimament. Minn dakinhar sal-lum ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ baned baqgħu dejjem eċċellenti u l-Banda Mnarja baqgħet tkun dejjem tiġi mistiedna biex tieħu sehem fil-festa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria.

### Tkompli l-Ħidma fil-Każin

Matul l-1977 ix-xogħol materjali fuq il-każin, għalkemm ma kienx spettakolari, baqa' sejjer matul is-sena kollha. F'din is-sena sar it-tikħil fuq ġewwa tas-sala, inbeda u tlesta x-xogħol tal-*istage*, inbeda u kważi tlesta x-xogħol tal-istallazjoni tad-dawl kollu u ġew miksija b'materjal adattat il-ħafna turġien li wieħed isib fil-każin. Bil-għanuna ta' Jos. Mercieca tfassal u nħadem *frame* għall-*iscreen*, sar xogħol ta' aperturi, ġie ordnat l-*automatic*





*Uħud mill-bandisti tal-Banda Mnarja. Jidhru l-bandisti Nadurin Anton Falzon (ritratt xellug) u Carmel Bigeni (ritratt lemin) fost l-oħrajn waqt is-servizz li l-Banda kienet għamlet fit-toroq ewlenin ta' Randazzo fi Sqallija.*

*curtain track* kif ukoll sar *screen* ġdid għall-wiri tal-*films*. Dan ix-xogħol kollu sar litteralment mill-membri tal-Kumitat b'għajnuna ta' xi voluntiera. Fost il-persuni li nsibu li kienu nvoluti f'dan ix-xogħol wieħed ta' min isemmi lil: Martin Camilleri, Joe Curmi, Dun Pawl Meilak, Cosma Said, Ray Vella, u Michael Vella għall-ħerqa u persistenza li wrew fix-xogħol imsemmi. Issa x-xewqa ta' kulħadd kienet li fl-1978 in-Nadur ikun jista' jiftaħar li għandu teatru kbir u komdu biex jaqdi l-bżonnijiet soċjali u edukattivi tiegħu. Xewqa li wara ħafna snin ta' ħidma issa kienet fil-qrib li ssir realtà. Matul din is-sena wkoll, il-Kumitat kellu f'idejh ukoll il-ħidma tat-tmexxija tal-*bar* tal-każin. Ħaġa li swiet sagrifiċċju kbir għall-membri speċjalment għal Martin Camilleri u Michael Vella imma li ġabet introjtu wisq meħtieġ għall-każin.

### Jitwaqqaf l-*Entertainments Board*

Fl-ewwel xhur tas-sena 1978 kien inħatar l-*Entertainments Board* biex jieħu ħsieb jorganizza attivitajiet li jgħatu gost lill-poplu tan-Nadur. Dan iż-żmien dawn ix-xorta ta' attivitajiet kienu għadhom fil-bidu tagħhom u għalhekk dan is-sotto kumitat kien sab appoġġ tajjeb fl-attivitajiet li kien beda jorganizza. L-*Entertainments Board* kien immexxi mis-Sur Joe Zerafa bħala *Chairman* u mis-Sinjorina Salvina Buttigieg bħala Segretarja. Fost l-attivitajiet li fil-bidu ġew organizzati, l-iktar li jispikka kien il-kors ta' tisjir immexxi mix-*chef* Wenzu Borg, li dak iż-żmien naħseb li kien l-aħjar kok li kien hawn Għawdex. Għal dan il-kors li kien ġie organizzat fis-sala t'isfel tal-każin kienu attendew mhux anqas minn 160 mara. Kien kors li sewa ħafna ġid u li qatt ma kien sar bħalu fin-Nadur. Dan kien ukoll mezz ieħor ta' introjtu biex jittaffew ftit l-ispejjeż li kienu qed isiru f'dak iż-żmien.

### Jibda l-wiri tal-films fit-Teatru Odeon

L-iktar ġrajja importanti li ġrat matul is-sena 1978 kienet bla dubju l-ftuħ ta-Teatru Odeon għall-wiri tal-films. Odeon huwa l-isem li kien ingħata lis-sala li kienet inbniet fuq il-każin kollu. Il-Kumitat dam ħafna itella' u jniżżel x'isem sa jagħti lil din is-sala. Ġew studjati ħafna suġġerimenti imma fl-aħħar intgħażel dan. Fir-*Rapport Amministrattiv* għal din is-sena nsibu miktub hekk : 'Il-ftuħ, għalkemm mhux uffiċjali, tas-sala għall-wiri tal-films bla dubju ta' xejn jimmarka s-sena 1978 bħala waħda importanti għas-Soċjetà Mużikali Mnarja. Dan l-avveniment barra li żgura dħul finanzjarju tant meħtieġ biex is-Soċjetà tkun tista' tħallas is-self li għandha u tippjana b'iktar kuraġġ għall-ġejjieni, mela b'ferħ lill-Kumitat u l-imseħbin tiegħu'. Din l-inizzjattiva kienet irnexxiet u fis-snin segwenti kienet waħda mis-suċċessi li saru. Għal numru ta' snin, meta f'dan iż-żmien it-televiżjoni ma kienx dak kif nafuh illum, numru kbir ta' nies min-Nadur u anke minn postijiet oħra kienu jattendu f'dan it-teatru biex jaraw xi *film* popolari. Dan kien isir mhux biss fil-*weekend*, iżda wkoll fost il-ġimgħa. Għal bosta, il-ġranet tal-Erbgħa, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd - kemm waranofsinhar kif ukoll filgħaxija kienu l-ġranet li fihom kienu jsegwu xi *film* pjaċevoli f'dan it-teatru.



*Membri tal-Entertainments Board li fis-snin 1970ijiet kien twaqqaf fi ħdan il-Banda Mnarja, flimkien ma' numru ta' atturi waqt waħda mill-produzzjonijiet li kienet saret f'dawn iż-żminijiet.*

### Il-Moviment Żgħażagħ Mnarja

F'dan iż-żmien b'ħidma ferm attiva fi ħdan il-banda nsibu il-Moviment Żgħażagħ Mnarja. Dan il-moviment li kif rajna diġà, jaf il-bidu tiegħu mill-ġimgħa tal-Banda li kienet saret fis-sena 1973. F'dan iż-żmien dan il-moviment kien irnexxielu jtella' b'suċċess bosta drammi, *parties* matul il-festi tal-Milied għat-tfal tar-raħal, attivitajiet għaż-żgħażagħ bħalma huma *discos* u attivitajiet oħra. Bil-Moviment Żgħażagħ Mnarja, il-Banda Mnarja u t-Teatru kellhom forċina li biha kienu jirfdu mhux ħażin.

### Ħidma Siewja li Ħalliet il-Frott

Is-sena 1979 tispikka għall-fatt li l-Kumitat kien responsabbli għall-ewwel sena sħiħa mill-immaniġġjar tat-Teatru Odeon. Dan ix-xogħol ġdid mimli b'ħafna diffikultajiet tekniċi u amministrattivi, ħalla effett kemm tajjeb kif ukoll ħażin fuq it-tmexxija inġenerali tas-Soċjetà. L-effett pożittiv kien li l-Każin issa kellu sors ta' dħul finanzjarju iktar sod u kontinwu minn qabel, waqt li l-effett negattiv seta' kien li l-membri sabu rwieħhom mgħobbija wisq bix-xogħol b'detriment li kellhom jiġu sagrifikati attivitajiet oħra. Xogħol ieħor li kkonsma ħafna enerġija kien dak konness mat-tmexxija tal-*bottegin*. Il-*bottegin* kien immexxi mill-Kumitat. Il-membri li qdew dmirhom wara l-bank, għamlu dan mingħajr ebda forma ta' kumpens. Dan ix-xogħol, għalkemm finanzjarjament kien redittizju, ikkonsma ħafna mill-ħin u l-enerġija tal-membri u li ma kienx għas-sagrifiċċju ta' Martin Camilleri u Mikièli Vella ma hux magħruf jekk kienx jibqa' f'idejn il-Kumitat. Din il-ħidma tal-imaniġġjar tal-*bottegin* mill-membri tal-Kumitat damet sas-sena 1982, meta fi Frar ta' din is-sena l-Kumitat kien iddeċieda li issa kienu saru biżżejjed sagrifiċċji min-naħa tal-membri tiegħu fl-isforz tagħhom biex jieħdu ħsieb il-*bottegin* tal-każin u għalhekk ħarġet l-offerta għall-kiri tal-*bottegin*. Nhar is-7 ta' Frar l-offerta kienet ingħatat lil Joe Portelli li kien offra s-somma ta' 900 lira Maltija fis-sena.



*Attivitajiet tal-palk.*
*'Is-Sigriet tal-Qrar', wieħed mid-drammi li kien ittella` lura fil-bidu tas-1970ijiet fit-Teatru tal-Każin tal-Banda Mnarja.*

**Ħatra ta' Assistent Surmast**

Il-Kumitat kien ilu s-snin jixtieq li jaħtar Assistent Surmast. Il-Kumitat deherlu li issa kien wasal iż-żmien li dan iseħħ. Għalhekk intbagħtet delegazzjoni biex tkellem lill-Mro. Joseph Galea, dakinhar l-Ass. Surmast tal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat u Surmast tal-Banda Sacro Cuor tas-Sliema bil-għan li jinħatar Ass. Surmast tal-Banda Mnarja. Is-Surmast Joseph Galea aċċetta l-istedina tagħna u beda jgħallem lill-aljievi kif ukoll jissostitwixxi lil Mro. Anton Bonnici meta dan kien ikun indispost. Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem, li din il-mossa kienet irnexxiet, għax numru mhux ħażin ta' aljievi kienu ġew attirati lejn il-Banda u bdew jattendu l-lezzjonijiet tal-mużika.

**Il-Banda Mnarja Tifraħ bl-Arċipriet Dun Salv Muscat**

F'Jannar tal-1983 ġie maħtur Arċipriet Dun Salv Muscat, qassis eżemplari min-Nadur. Dan sar wara tmexxija ta' 31 sena ta' Mons. Mikiel Portelli. Meta ħa l-Pussess l-Arċipriet il-ġdid Mons. Salv Muscat fit-2 ta' Jannar 1982, il-Banda Mnarja kienet akkompanjatu sal-Bażilika, fost iċ-ċapċip u l-ferħ tan-Nadurin. Fit-13 ta' dan ix-xahar, delegazzjoni mill-Kumitat kellha l-ewwel laqgħa miegħu fejn ukoll f'isem il-Banda Mnarja kienet tatu rigal ta' tifkira.

**L-Arċipriet Emeritus Mons. Mikiel Portelli**

Dan il-bniedem kien benefattur kbir tal-Banda. Billi hu kien joqgħod fid-dar tal-familja meta kien Arċipriet, b'rikonoxxenza lejn il-Banda Mnarja meta din twaqqfet kien ħalla għad-dispożizzjoni tal-Kumitat id-*Domus Curialis* magħrufa aktar komuni bħala d-Dar tal-Kappillan. Infatti f'dan il-post kienet saret l-ewwel laqgħa ġenerali fejn inħatar l-ewwel Kumitat tal-Banda u hawn ukoll bdew isiru l-ewwel lezzjonijiet tal-mużika. Barra minn hekk, l-Arċipriet Portelli kien sikwit jagħti lill-Banda donazzjonijiet ta' flus għall-ħtiġijiet tagħha.

**Jitwaqqaf il-Kumitat Kulturali tan-Nisa tal-Każin**

Fis-sena 1986 twaqqaf il-Kumitat Kulturali Nisa tal-Każin b'għan ewlieni li jorganizza attivitajiet kulturali u soċjali. Dan l-ewwel kumitat kien iffurmat minn Ms. Salvina Buttigieg bħala *Chairperson*, Mrs. Angela Cauchi bħala Segretarja, Mrs. Pauline Camilleri bħala Kaxxiera u minn Mrs. Angela Muscat, Mrs. Marija Falzon, Mrs. Ġuża Vella u Ms. Marija Farrugia bħala membri. Dan il-kumitat matul is-snin organizza bosta attivitajiet tant li sal-ġurnata tal-lum dan għadu għaddej bil-ħidma tiegħu. Ħidma ta' sostenn li qed tirrendi fi dħul finanzjarju kif ukoll ta' ndafa ġenerali fil-Każin.

**L-Ikla tal-Ħbieb**

F'Lulju tas-sena 1986 eżattament hekk kif għaddew il-festi tal-Imnarja l-Kumitat tal-Banda Mnarja kien ħass il-ħtieġa li b'xi mod jirringrazzja lill-membri tal-kumitat tiegħu u lill-bandisti għax-xogħol u s-sagrifiċji li jagħmlu. Għalhekk f'din is-sena saret ikla għall-bandisti, Kumitat, Kumitat Kulturali Nisa tal-Każin, emigranti u l-ħbieb fil-Ulysses Lodge fuq ir-riħ tal-bajja tar-Ramla. Għal dak iż-żmien attività bħal din kienet xi ħaġa li tista' ssejħilha straordinarja. Dak iż-żmien kienet għada ma daħlitx sewwa d-drawwa ta' dawn it-tipi ta' avvenimenti u għalhekk din l-ikla kienet irrendiet għal waħda ta' suċċess. B'kollox kienu attendew madwar 350 ruħ u kulħadd kien ħareġ sodisfatt. F'din l-okkażjoni wieħed emigrant mill-Awstralja, is-Sur Peter Cardona, kien irregala lill-Banda flawt. Dan Peter kien sikwit jiġi għall-btajjel hawn mill-Awstralja u kien iħobb ħafna l-Banda tagħna. Bħal Peter fi żmien li qed insemmu kien hemm numru ta' emigranti oħra li meta kienu jkunu fostna għall-btajjel kienu jiftakru fil-Banda Mnarja. Dan kien isir permezz ta' għotjiet finanzjarji u anke permezz ta' għotja kif ġara din id-darba ta' xi strument.

**Tnax – il Sena ta' Kambjament**

It-Tnax -il sena ta' ħidma bejn l-1974 u l-1986 kienu snin fejn fihom il-Banda Mnarja rat kambjament kbir. Kien kambjament li seħħ frott użanzi ġodda li f'dawn iż-żminijiet bdew daħlin fis-soċjetà Għawdxija. Dan iż-żmien bla dubju ta' xejn kien wieħed li nissel maturità kbira fi ħdan din il-Banda. Filwaqt li din kompliet timtela b'kuraġġ għall-ġejjieni, dan iż-żmien ta' bidliet kompla wkoll isaħħaħha biex tkompli twettaq wieħed mill-għanijiet ewlenin li għalih din twaqqfet : dak li tkun Soċjetà ta' appoġġ u sostenn għall-festa tal-Imnarja!

© Joseph Curmi • 2013.